MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tad-19 ta' Frar, 2009

Rikors Numru. 30/2000/1

**Agent Kummissarju ta’ l-Art**

**vs**

**Yvonne Sant Cassia, Anthony Sant Cassia pro u f’isem l-assenti Philip Sant Cassia, Chiara Damant, Susan Meadows, Anna Morris, Stephen Sant Cassia u Carmelina Sant Cassia; Josephine Cachia Caruana u Antoine Cachia Caruana; L-avukat Peter Caruana Galizia f’isem l-assenti Alfred Zawadzki; Edward Cachia Caruana, Dr. Louise Cachia Caruana, Richard Cachia Caruana, Johm Gatt u Mary Gatt, Francis Cachia Caruana.**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid:

"Illi l-initmati gew notifikati b'Avviz ghall-ftehim datat 4 ta' Mejju, 2000 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art f'San Gwann tal-kejl ta' cirka 10923m2 li tmiss min-nofsinhar ma' proprjeta ta' Henry Sant Cassia u ohrajn, mil-Lvant ma' proprjeta ta' Joseph Gatt u mil-Lbic ma' proprjeta tal-Gvern huwa ta' sebat elef lira Maltija (Lm7000) kif jidher mir-rapport tal-perit Carmen V. Sutton A&CE tat-23 ta' Novembru, 1999 li kopja tieghu Dok A hija annessa ma' l-istess Avviz ghall-ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tat-22 ta' Mejju, 2000 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta' tmienja u tletin elf lira Maltija (Lm38,000).

Ghaldaqstant ir-rikkorent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera l-bicctejn art fuq imsemmija jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap 88)."

Ra l-ittra ufficcjali tat-22 ta' Mejju 2000 li permezz taghha l-intimati iddikjaraw li l-ammont ta' kumpens li huma lesti jaccettaw huwa ta' Lm38,000 a tenur tal-istima tal-AIC Lawrence Montebello kopja annessa bhala Dok A ma' liema ammont ghandhom jizdiedu d-danni ghall-pussess b'effett mid-data tat-tehid tal-istess pussess sad data tal-pagament tal-kumpens mitlub jew stabbilit minn dan il-Bord;

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi l-perit arkitett inkarigat mill-intimati xehed illi din l-art hija wahda agrikola u ma taqghax f'zona ta' zvilupp izda kien kien tinkludi fiha xi kmamar rurali u ghalhekk jistma dan il-fond bil-prezz ta' Lm38,000. Il-perit arkitett inkarigat mir-rikorrenti invece stmat il-fond bil-valur ta' Lm7000 u kkonfermat li xi zmien kien hemm kamra rurali fuq l-istess art;

Illi l-Bord kien assenja biex jassistuh lill-perit arkitett Frederick H Valentino u l-perit arkitett Joseph Mizzi li pprezentaw ir-relazzjoni taghhom datata 14 ta'Awissu 2008 u li qed tkun annessa bhala formanti parti minn din is-sentenza . Fil-parti konklussiva ta' din ir-relazzjoni l-membri teknici jissottomettu illi:

Wara li ahna esaminajna d-diversi dokumenti elenkati fil-process flimkien max-xhieda migjuba mill-partijiet;

Wara li hadna in konsiderazzjoni d-diversi punti sollevati mill-partijiet legali li jirraprezentaw l-istess partijiet waqt it-trattazzjoni finali tar-rikors;

Jidhrilna li, minn kalkoli li ahna ghamilna, ai termini ta' l-Ordinanza Dwar l-Artijiet ta' Proprjeta' ghal skopijiet pubblici illi l-kumpens xieraq li ghandu jithallas ghall-art espropprijanda fic-cirkostazi prezenti ghall-periodu attwali ta' zmien in-Notice To Treat cioe' (04 ta' Mejju, 2000) ghandu jkun tas-somma ta' ghoxrin elf u mitt lira Maltin (Lm20,100.00) libera u franka ekwivalenti ghal Euros 46,820.40.

Illi ai termini tal-artikolu 25 tal-Kap 88, meta l-membri teknici tal-Bord ikunu unanimi fl-istima taghhom, l-Bord ghandu joqghod fuq din il-kwantifikazzjoni u ghalhekk il-Bord qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna lill-intimati jitrasferixxu bhala libera u franka b'titolu ta' xiri assolut l-bicca art f'San Gwann gia limiti ta' Birkirkara tal-kejl ta' cirka 10923m2 li tmiss min-nofsinhar ma' proprjeta ta' Henry Sant Cassia u ohrajn, mil-Lvant ma' proprjeta ta' Joseph Gatt u mil-Lbic ma' proprjeta tal-Gvern bil-

kumpens ta’ sitta u erbghin elf, tmien mija u ghoxrin euro u erbghin centezmu (Euros 46,820.40) oltre l-imghax legali spettanti lill-intimati. Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fis-27 ta’ Marzu, 2009 fis-2.00 pm fl-ufficcju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Georgine Grech LL.D. biex tidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandha jkun mgharfa bil-hatra taghha bil-miktub mir-rikorrenti. L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------